Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Jannar 2016
(OR. en)

14454/1/15
REV 1

LIMITE

PV/CONS 66
EDUC 312
JEUN 114
CULT 87
AUDIO 33
SPORT 69

PUBLIC

ABBOZZ TA' MINUTI[1]

Suġġett:	**It-3428** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea **(EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT),** li saret fi Brussell fit-23 u l-24 ta' Novembru 2015

[1] L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet leġislattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Paġna

1. Adozzjoni tal-aġenda proviżorja 4

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" 4

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

3. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" 4

ŻGĦAŻAGĦ

4. Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010–2018) 4

5. Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ għall-2016-2018 5

6. Parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ 5
   (a) Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa
   (b) Rakkomandazzjonijiet konġunti finali dwar ir-responsabbilizzazzjoni taż-żgħażagħ għall-parteċipazzjoni politika fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (Konferenza tal-UE dwar iż-żgħażagħ (Lussemburgu, 21–24 ta' Settembru 2015))

7. Ir-rwol tal-politika dwar iż-żgħażagħ u l-ħidma fost iż-żgħażagħ fir-rigward tal-migrazzjoni – appoġġ għas-sensibilizzazzjoni interkulturali u l-integrazzjoni tal-migranti 6

EDUKAZZJONI

8. Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020) – Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ 6

9. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill – dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola 6

10. Edukazzjoni u migrazzjoni: Strateġiji għall-integrazzjoni ta' migranti li waslu reċentement u persuni bi sfond ta' migrazzjoni 7

11. Affarijiet oħra 7

KULTURALI/AWDJOVIŻIV

12. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp 8

13. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li jemendaw il-programm ta' ħidma għall-Kultura (2015–2018), fir-rigward tal-prijorità dwar id-djalogu interkulturali 8

14. Naħdmu flimkien kontra l-qerda u t-traffikar illeċitu tal-patrimonju kulturali f'żoni ta' kunflitt8

SPORT

15. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li janalizzaw ir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA 9

16. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal 9

17. Il-potenzjal edukattiv tal-isport: għajnuna liż-żgħażagħ żvantaġġati biex isibu posthom fis-soċjetà 10

18. Affarijiet oħra 10

*

* *

1. Adozzjoni tal-aġenda proviżorja

14009/15 OJ CONS 65 EDUC 295 JEUN 106 CULT 80 AUDIO 30 SPORT 60

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq, biż-żieda tal-punt li ġej *Affarijiet Oħra*: "Dikjarazzjoni konġunta tal-Ministri għall-Kultura tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport, u tal-President tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew - Informazzjoni mill-Presidenza" (punt 18(aa)).

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

14107/15 PTS A 88

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kif elenkati fid-dokument 14107/15.

Id-dokumenti dwar il-punt għandhom jaqraw kif ġej:

13952/15 CODEC 1498 TELECOM 209 COMPET 504
+ ADD 1 REV 1
PE-CONS 52/15 TELECOM 178 COMPET 421 CODEC 1243

Id-dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

3. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

14108/15 PTS A 89

Il-Kunsill approva l-punti "A" kif elenkati fid-dokument 14108/15.

Id-dokumenti dwar il-punt 4 għandhom jaqraw kif ġej:

Punt 4: 13792/15 TRANS 354 MAR 137
13527/15 TRANS 349 MAR 134
+ REV 1 (lt)

4. Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010–2018)

– Adozzjoni
13635/15 JEUN 97 EDUC 286 SOC 634 EMPL 417 CULT 74 SAN 357

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt kif jidher fid-dokument 14437/2/15 REV 2 u qabel li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

5. Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ għall-2016-2018

– Adozzjoni
13631/15 JEUN 96 EDUC 285 SOC 633 EMPL 416 CULT 73 SAN 356

Il-Kunsill adotta r-Riżoluzzjoni kif tidher fid-dokument 14434/15 u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Kunsill ħa nota tal-interventi tad-delegazzjonijiet AT u BE.

6. Parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ

(a) Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa

– Adozzjoni
13850/15 JEUN 102 EDUC 291 SOC 646 EMPL 424

Il-Kunsill adotta r-Riżoluzzjoni kif tinsab fid-dokument 14435/2/15 REV 2 u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Kunsill ħa nota tal-intervent mid-delegazzjoni FI.

(b) Rakkomandazzjonijiet konġunti finali dwar ir-responsabbilizzazzjoni taż-żgħażagħ għall-parteċipazzjoni politika fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (Konferenza tal-UE dwar iż-żgħażagħ (Lussemburgu, 21–24 ta' Settembru 2015))

– Preżentazzjoni mill-Presidenza
12651/15 JEUN 78

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni ppreżentata mill-Presidenza, kif tinsab fid-dokument 12651/15.

7. **Ir-rwol tal-politika dwar iż-żgħażagħ u l-ħidma fost iż-żgħażagħ fir-rigward tal-migrazzjoni – appoġġ għas-sensibilizzazzjoni interkulturali u l-integrazzjoni tal-migranti**

– Dibattitu ta' orjentazzjoni
(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza])
13640/15 JEUN 98 EDUC 287 CULT 75 SPORT 53 SOC 635 MIGR 59
+ ADD 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (id-dokument 13640/15 + ADD 1).

Il-Ministri enfasizzaw, fost affarijiet oħra, il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transettorjali b'mod partikolari fl-oqsma taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni, l-isport, il-kultura, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, u li jiġu promossi l-valuri Ewropej sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-biża' u tissaħħaħ it-tolleranza. Ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażagħ fil-proċess ta' integrazzjoni fil-livell lokali kien enfasizzat, bil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ li jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward fost l-Istati Membri.

EDUKAZZJONI

8. **Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020) – Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ**

– Adozzjoni
13858/15 EDUC 292 JEUN 103 SOC 647 EMPL 425 RECH 267 MI 702

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt kif jinsab fid-dokument 14440/15 u qabel li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

9. **Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill – dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola**

– Adozzjoni
13860/15 EDUC 293 SOC 648 EMPL 462 JEUN 104
+ COR 1 (lt)

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14441/15 u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

10. Edukazzjoni u migrazzjoni: Strateġiji għall-integrazzjoni ta' migranti li waslu reċentement u persuni bi sfond ta' migrazzjoni

– Dibattitu ta' orjentazzjoni
(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza])
13449/15 EDUC 282 JEUN 93 CULT 66 SPORT 51 SOC 617 MIGR 58 RELEX 854

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (id-dokument 13449/15).

Fost il-kwistjonijiet enfasizzati mill-Ministri kien hemm l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi, il-promozzjoni sistematika ta' valuri Ewropej, il-valutazzjoni u l-validazzjoni rapidi ta' kwalifiki minn qabel, u t-taħriġ korrett tal-għalliema biex jindirizzaw din l-isfida l-ġdida.

11. Affarijiet oħra

Edukazzjoni

(a) Segwitu Ewropew tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (17 ta' Marzu 2015): aġġornament u perspettivi

– Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża
13673/15 EDUC 289 JEUN 100 SOC 636 CULT 79 COTER 139

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tuża kull flessibilità legali possibbli għar-riorjentazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tal-UE fil-qasam tal-EYCS, sabiex jiżdied il-fokus fuq l-integrazzjoni tal-migranti/refuġjati u l-miżuri kontra r-radikalizzazzjoni.

o
o o

(b) Programm ta' Ħidma tal-Presidenza li jmiss

– Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Netherlandiża dwar il-programm ta' ħidma f'kull wieħed mis-setturi waqt il-presidenza tagħha li jmiss.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

KULTURALI/AWDJOVIŻIV

12. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp

– Adozzjoni
13645/15 CULT 76 RELEX 871 DEGEN 215 REV 1
+ COR 1 (sk)

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14443/15 u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

13. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqgħin fi ħdan il-Kunsill, li jemendaw il-programm ta' ħidma għall-Kultura (2015–2018), fir-rigward tal-prijorità dwar id-djalogu interkulturali

– Adozzjoni
13646/15 CULT 77 RELEX 872 MIGR 61 REV 1

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14444/15 u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Kunsill ħa nota tal-interventi mid-delegazzjonijiet SE, DE, DK, SI, CZ u PT , kif ukoll mill-Kummissjoni.

14. Naħdmu flimkien kontra l-qerda u t-traffikar illeċitu tal-patrimonju kulturali f'żoni ta' kunflitt

– Dibattitu ta' orjentazzjoni
(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza])
13647/15 CULT 78 RELEX 873 UD 213 REV 2

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi tad-dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (id-dokument 13647/2/15 REV 2).

Il-Ministri kkundannaw l-qerda tal-wirt kulturali fis-Sirja, l-Iraq u żoni oħra ta' kunflitt, waqt li enfasizzaw ir-rabta bejn it-traffikar illeċitu f'oġġetti kulturali u l-finanzjament tal-attivitajiet terroristiċi tal-ISIL/id-Da'esh.

Tqajmu għadd ta' alternattivi ta' politika inklużi l-adozzjoni ta' regolament tal-UE dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali minn pajjiżi terzi, kooperazzjoni aħjar mal-UNESCO, taħriġ aħjar għall-uffiċjali tad-dwana, ir-ritorn korrett ta' oġġetti li ġew innegozjati illegalment wara kunflitt, l-użu tad-diġitalizzazzjoni għall-iffaċilitar tar-restawr u l-irkupru ta' oġġetti kulturali, rwol possibbli għall-EUROPEANA, u n-nomina possibbli tas-sena 2018 bħala s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali.

SPORT

15. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li janalizzaw ir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA

– Adozzjoni
13103/15 SPORT 40 DOPAGE 7 SAN 337 JAI 764

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14445/15 u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

16. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal

– Adozzjoni
13431/15 SPORT 48 EDUC 279 JEUN 91 SAN 353

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14447/15 u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

17. Il-potenzjal edukattiv tal-isport: għajnuna liż-żgħażagħ żvantaġġati biex isibu rwol posthom fis-soċjetà

– Dibattitu ta' orjentazzjoni
(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza])
13440/15 SPORT 49 EDUC 280 JEUN 92 CULT 65 SOC 615 EMPL 405 MIGR 57
+ ADD 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (id-dokument 13440/15 + ADD 1), u sema' l-perspettivi ta' żewġ kelliema esterni: Is-Sur Edwin Moses, President tal-Aġenzija tal-Antidoping tal-Istati Uniti u President tal-Kumitat tal-Edukazzjoni tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping u s-Sur Mathieu Moreuil, li rrappreżenta lill-Premier League Ingliż. Mid-dibattitu rriżulta kunsens konsiderevoli dwar il-ħtieġa għal sħubijiet, għal evalwazzjoni u evidenza dwar x'jaħdem u x'ma jaħdimx, u għal ħidma lokalment mal-persuni fuq il-post.

18. Affarijiet oħra

Awdjoviżiv/Kultura

(a) Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) REFIT – Sitwazzjoni attwali

– Informazzjoni mill-Kummissjoni
14103/15 AUDIO 31 MI 723 DIGIT 92

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, u tal-interventi tad-delegazzjonijiet FR, LT, DE, EE, AT, PL u LV.

(aa) Dikjarazzjoni konġunta tal-Ministri għall-Kultura tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport, u tal-President tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew

– Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza, kif ukoll tal-interventi tad-delegazzjonijiet FR u DE u l-Kummissjoni.

Sport

(b) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-manipulazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi rigward kwistjonijiet li mhumiex relatati mad-definizzjoni ta' reati kriminali

u

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-manipulazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi rigward kwistjonijiet relatati mad-definizzjoni ta' reati kriminali

– Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

(c) Laqgħat tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA) (Colorado Springs, (17-18 ta' Novembru 2015)

– Informazzjoni mir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE (BE, LU, MT) fil-WADA

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE.

(d) Laqgħa informali tal-ministri għall-isport (Lussemburgu, 6-7 ta' Lulju 2015)

– Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-intervent mid-delegazzjoni FR.

(e) Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport – Linji Gwida għall-2016

– Informazzjoni mill-Kummissjoni
14249/15 SPORT 62 EDUC 299 SAN 384

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

o
o o

(f) Programm ta' Ħidma tal-Presidenza li jmiss

– Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Netherlandiża dwar il-programm ta' ħidma f'kull wieħed mis-setturi waqt il-presidenza tagħha li jmiss.